# Qorti Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Att ta' Akkuza Nru: 2/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Kevin Micallef**

Illum 21 ta' Novembru, 2017.

Il-Qorti ,

Rat l-att tal-Akkuza numru 2 tas-sena 2007 fil-konfront ta' Kevin Micellf (detentur karta tal-identita' 273576(M) li bih huwa akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi l-akkużat Kevin Micallef, kien miżżewweg lil Evelyn Micallef, minn liema żwieġ kellhom tifla. B'xorti ħażina dan iż-żwieġ sfaxxa u dan wassal sabiex il-konjugi Micallef isseparaw fil-fatt, ma baqgħux jgħixu flimkien u nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni personali. Ir-relazzjoni ta' bejniethom ftit li xejn baqgħet tajba. Maż-żmien, Evelyn Micallef żviluppat ħbiberija ma' ċertu Josef Bonnici. Kevin Micallef qatt ma seta' jaċċetta li dik li kienet martu, tiżviluppa din il-ħbiberija ma' raġel ieħor. Daħħalha f'rasu li Evelyn Micallef kellha tpattiha qares ta' dan u ddeċieda li joqtolha jew ippoġilha

ħajjitha f'periklu ċar. Ħaseb kif kellu jwettaq dan il-ħsieb tal-biża u ddeċieda li jwettqu. L-akkużat Kevin Micallef beda jsegwi l-movimenti ta' Evelyn Micallef. Fl-aħħar iddeċieda li kien wasal il-waqt li jwettaq il-pjan li kien fassal f'moħħu u jaġixxi. Għal dan il-għan, Kevin Micallef issellef karozza tal-marka *Hyundai* mingħand sieħbu David Sultana u ħaseb sabiex fl-istess karozza iżomm mus sabiex bih iwettaq l-pjan tiegħu.

Illi nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), Kevin Micallef ddeċieda li l-pjan tiegħu kontra Evelyn Micallef kellu jitwettaq. Għalhekk huwa qabad it-triq lejn Birkirkara u mar qrib il-bar *Empress Elena* fejn kien jaf li ser isib lil mara tiegħu u dan stante li l-bar huwa ta' Josef Bonnici.

Qagħad jistenna lil Evelyn Micallef hemmhekk, bit-tama li jaraha ħierġa. U hekk kellu jkun, għax għal ħabta ta' l-għaxra u nofs (22.30) ta' filgħaxija, Josef Bonnici għalaq il-bar *Empress Elena* u Evelyn Micallef ħarġet mill-bar, rħetilha fid-direzzjoni ta' fejn kienet parkeġġata l-karozza tagħha u rikbet ġol-vettura tagħha. Illi fil-vettura magħha rikeb ukoll ċertu Aosama El Naib li jigi ħu Josef Bonnici, filwaqt li Josef Bonnici telaq wahdu. Illi waqt li Evelyn Micallef kienet qed issuq il-vettura tagħha ġewwa Birkirkara, innotat li kien hemm vettura warajha li bdiet tixgħelilha il-*bright*. Li ma kinetx taf Evelyn Micallef kien li f'din il-vettura l-oħra kien hemm Kevin Micallef, li kien għadu mistur fl-anonimita tal-karozza li huwa kien issellef mingħand sieħbu, li sab ix-xoqqa f'moxtha u ra li kien wasal il-ħin opportun biex iwettaq il-ħsieb li kien ifforma li joqtol lil Evelyn Micallef jew li jqegħdilha ħajjitha f'perikolu ċar.

Illi meta Evelyn Micallef waqfet u nizlet mill-karozza tagħha biex tara x'kien ġara, Kevin Micallef ħareġ mill-vettura li kien qiegħed isuq armat b'mus u mexa fid-direzzjoni tagħha. Illi dak il-ħin, Kevin Micallef, in eżekuzzjoni tal-intenzjoni omiċidja li fforma f'moħħu, qabad il-mus u bl-intenzjoni li joqtol lil Evelyn Micallef jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, beda' jagħti daqqiet ta' mus f'diversi partijiet ta' ġisimha. Dawn id-daqqiet ġew mogħtija b'tant saħħa u feroċja li kawża

ta' dawn id-daqqiet, Evelyn Micallef sofriet numru ta' leżjonijiet fuq iz-żaqq, fuq is-sider u fuq id-dahar, kif ukoll perforazzjoni tal-milsa, perforazzjoni tal-frixa, perforazzjoni tad-diaphragm u leżjonijiet ukoll li ppenetraw il-kavita' toraċika. Illi kaġun tal-ġrieħi li soffriet, Evelyn Micallef kienet f'qagħda kritika u kienet fil-periklu tal-mewt u kellha tigi operata b'urġenza. Illi li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tat-tobba, Evelyn Micallef kienet titlef ħajjitha.

B'hekk Kevin Micallef ma laħaqx jikkonsma l-ħsieb doluż tiegħu li joqtol lil Evelyn Micallef biss grazzi għall-effiċjenza u intervent mediku f'waqtu tat-tobba li kkurawha immedjatament meta daħlet l-Isptar *Mater Dei* għaliex wara l-aggressjoni Kevin Micallef ħalla lil Evelyn Micallef għal mejta minxura mal-art.

Illi wara li agredixxa lil martu, Kevin Micallef dawwar il-mus fuqu nnifsu. Il-Pulizija għalhekk ħaduh għall-kura l-Isptar *Mater Dei* fejn ġie stabbilit illi huwa sofra diversi ġrieħi f'żaqqu.

Illi b'għemilu l-imsemmi KEVIN MICALLEF sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Evelyn Micallef) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi KEVIN MICALLEF, talli fil-lejl ta' bejn l-erbgħa (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara rrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Evelyn Micallef) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat KEVIN MICALLEF u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn seba' (7) snin sa tletin (30) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 41(1)(a), 211(1)(2), 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, meta Evelyn Micallef waqfet u nizlet mill-vettura tagħha sabiex tara x'kien ġara wara li Kevin Micallef kien beda jixgħelilha l-*bright*, l-istess Kevin Micallef ħareġ mill-vettura mislufa li kien qiegħed isuq armat b'mus u mexa fid-direzzjoni ta' Evelyn Micallef. Illi dak il-ħin, Kevin Micallef, in eżekuzzjoni tal-intenzjoni omiċidja li fforma f'moħħu qabad il-mus u bl-intenzjoni li joqtol lil Evelyn Micallef jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, beda' jagħti daqqiet ta' mus f'diversi partijiet tal-ġisem ta' Evelyn Micallef.

Illi sadanittant pero Aosama El Naib li kien passiġġier fil-karozza ta' Evelyn Micallef, meta nduna b'dak li kien qed jiġri, ħareg mill-vettura u intervjena sabiex jipprova jwaqqaf din l-aggressjoni u jassisti lil Evelyn Micallef. Illi fil-kors ta' din l-aggressjoni li Kevin Micallef kien qiegħed jikkommetti fil-konfront ta' Evelyn Micallef u senjatament meta Aosama intervjena sabiex jipprova iwaqqaf lil Kevin Micallef milli jkompli fl-aġir tiegħu, Aosama sofra ġrieħi f'idejh kawżati minn daqqa ta' mus ad opera ta' Kevin Micallef. Illi Aosama ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.

Illi għalhekk, b'għemilu l-imsemmi KEVIN MICALLEF sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna

oħra (Aosama El Naib), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiża titqies li hija ħafifa peress li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi KEVIN MICALLEF ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Aosama El Naib), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat KEVIN MICALLEF u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn xahrejn sa sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 214, 215, 217, 221(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel żewġ kapi ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, Kevin Micallef kien iddeċieda li jwettaq il-ħsieb u l-pjan tiegħu li joqtol lil Evelyn Micallef jew iqiegħdilha ħajjitha f'perikolu ċar.

Illi skond il-fatti narrati fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, Aosama El Naib li kien passiġġier fil-karozza ta' Evelyn Micallef meta nduna b'dak li kien qed jiġri, ħareġ mill-karozza u intervjena sabiex jipprova iwaqqaf l-aggressjoni. Illi madanakollu Aosama waħdu ma rnexxilux iwaqqaf din l-aggressjoni u għaldaqstant mar isejjaħ

għall-għajnuna lil ħuh Josef Bonnici. Illi meta Josef Bonnici intervjena sabiex jipprova jwaqqaf lil Kevin Micallef milli jkompli fl-aġir tiegħu, huwa ukoll sofra ġrieħi f'idejh kawżati minn daqqiet ta' mus *ad opera* ta' Kevin Micallef. Illi Josef Bonnici ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qed issofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa.

Illi b'għemilu l-imsemmi KEVIN MICALLEF sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Josef Bonnici), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma jġibu l-ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi KEVIN MICALLEF ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Josef Bonnici), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-akkużat KEVIN MICALLEF u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn xahrejn sa sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 214, 215, 217, 221(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel tliet kapi ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax

(2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, meta l-akkużat Kevin Micallef iddeċieda li joqtol lil Evelyn Micallef jew li jqiegħdilha ħajjitha f'perikolu ċar, ħa ħsieb jieħu miegħu arma bil-ponta (mus) u ta diversi daqqiet b'din l-istess arma bil-ponta fuq diversi partijiet tal-ġisem ta' Evelyn Micallef. Dawn id-daqqiet ġew mogħtija b'tant saħħa u feroċja li rriżulta li kawża ta' dawn id-daqqiet, Evelyn Micallef sofriet numru ta' lezjonijiet fuq iż-żaqq, fuq is-sider u fuq id-dahar, kif ukoll perforazzjoni tal-milsa, perforazzjoni tal-frixa, perforazzjoni tad-*diaphragm* u lezjonijiet ukoll li ppenetraw il-kavita' toraċika. Minħabba fil-ġrieħi li sofriet, Evelyn Micallef kienet f'qagħda kritika u kienet fil-periklu tal-mewt u kellha tigi operata b'urġenza. Illi li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tat-tobba, Evelyn Micallef kienet titlef ħajjitha. Illi *in oltre*, kif indikat fit-tieni u t-tielet kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża meta Aosama El Naib u sussegwentement Josef Bonnici intervjenew sabiex jippruvaw iwaqqfu lill-akkużat Kevin Micallef milli jkompli bl-aggessjoni tiegħu, huma sofrew ġrieħi ta' natura ħafifa kawżati minn daqqiet ta' mus *ad opera* ta' Kevin Micallef.

Illi b'għemilu l-imsemmi KEVIN MICALLEF sar ħati talli, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' Evelyn Micallef u feriti ħfief fil-konfront ta' Aosama El Naib u Josef Bonnici), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi KEVIN MICALLEF, ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' Evelyn Micallef u feriti ħfief fil-konfront ta' Aosama El Naib u Josef Bonnici), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta] u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel erba' Kapi ta' dan l-att ta' akkuża, u ċjoè fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, KEVIN MICALLEF, kellu fuq il-persuna tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-akkużat fil-fatt ta diversi daqqiet lil Evelyn Micallef b'din l-arma kif ġjà spjegat fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża.

Illi b'għemilu l-imsemmi KEVIN MICALLEF sar ħati talli, kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu sikkina jew strument ieħor li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi KEVIN MICALLEF, ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu sikkina jew strument ieħor li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€116.47) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6, 51(7),

56, 57 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta], u l-artikoli 17, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll fil-ġranet ta' qabel din id-data, ġewwa Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer, Kevin Micallef ġab ruħu b'tali mod li infastidixxa lil Evelyn Micallef u dan minħabba l-ossessjoni li kellu fil-konfront tagħha. Effettivament hu kien qed issegwiha b'mod xjenti partikolarment meta kienet tkun fil-kumpanija ta' Josef Bonnici li kien il-ħabib tagħha f'dawk iż-żminijiet. Indubjament dan l-aġir ikkawza fastidju konsapevoli da parti tal-akkużat fil-konfront ta' Evelyn Micallef kif ukoll lil Josef Bonnici.

Illi b'għemilu l-imsemmi KEVIN MICALLEF sar ħati talli, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna (Evelyn Micallef) jew persuni oħra b'mod li kien jaf jew immissu jkun jaf li ikun qed jagħti fastidju lil dik il-persuna jew lil dawk il-persuni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi KEVIN MICALLEF, ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll fil-ġranet ta' qabel din id-data, ġewwa Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna (Evelyn Micallef) jew persuni oħra jew b'mod li kien jaf jew immissu jkun jaf li ikun qed jagħti fastidju lil dik il-persuna jew lil dawk il-persuni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sitt (6) xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 202(h)(i)(iv)(v), 251A(1)(a)(b)(2)(4), 222(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] u l-artikolu 2(viii) tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika [Kapitolu 481 tal-

Ligijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba' Kap illi fl-istess żmien u ċirkostanzi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe' fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll fil-ġranet ta' qabel din id-data, ġewwa Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat Kevin Micallef iddeċieda xjentement li bl-imġieba tiegħu jikkaguna biża' li ser tintuża vjolenza fuq il-persuna ta` Evelyn Micallef meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu kienet ser żgur tikkaġuna biża' lil Evelyn Micallef. Illi l-imgieba ta` Kevin Micallef kienet tikkonsisti fost affarijiet oħra f`theddid fil-konfront ta` Evelyn Micallef li bla dubju ta` xejn kienu jnisslu fiha biza` li ser tintuża vjolenza kontra tagħha, kif fil-fatt effettivamet intużat.

Illi b'għemilu l-imsemmi KEVIN MICALLEF sar ħati talli, bl-imgieba tiegħu ikkaġuna biża' li ser tintuża vjolenza kontra persuna jew persuni oħra (Evelyn Micallef), meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imġieba tiegħu kienet ser tikkaġunalha biża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi KEVIN MICALLEF, ħati talli, fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll fil-ġranet ta' qabel din id-data, ġewwa Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Evelyn Micallef biża' li ser tintuża vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu kienet ser tikkaġunalha biza'.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tliet (3) xhur sa sitt (6) xhur jew multa ta` mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax il-elf u sitt mija

u sitta u erbgħin euro u sebgha u tmenin centezmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 251B(1)(2)(3) u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Kevin Micellef, preżentat fil-15 ta' Novembru, 2017, filwaqt li jiddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini ta' l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkuzat Kevin Micallef ghall-akkuzi migjuba kontrih fl-att tal-akkuza, il-partijiet jaqblu li tenut kont il-fattispecie kollha ta' dan il-kaz huma applikabbli l-Artikoli 227(c) u 228(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien mad-disposizjonijiet l-ohra kollha ndikati fl-Att ta' Akkuza u li l-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda kumplessiva ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6) snin u multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47). Dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali gnad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 480 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-hlas ta' spejjez peritali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 21 ta' Novembru, 2017, fejn l-akkużat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat li din l-Qorti tat żmien lill-akkużat biex jerga' jaħseb dwar l-ammissjoni tiegħu skont l-artikolu 453 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkużat reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Kevin Micellef ħati talli:

1. fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara rrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Evelyn Micallef) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-

ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

2. fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Aosama El Naib), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

3. fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Josef Bonnici), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief peress li ma ġabu ebda waħda mill-konsegwenzi gravi previsti mill-Liġi.

4. fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' Evelyn Micallef u feriti ħfief fil-konfront ta' Aosama El Naib u Josef Bonnici), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

5. fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30), ġewwa Birkirkara, kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu sikkina jew strument ieħor li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

6. fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll fil-ġranet ta' qabel din id-data, ġewwa Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuna (Evelyn Micallef) jew persuni oħra jew b'mod li kien jaf jew immissu jkun jaf li ikun qed jagħti fastidju lil dik il-persuna jew lil dawk il-persuni.

7. fil-lejl ta' bejn l-erbgha (4) u l-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) kif ukoll fil-ġranet ta' qabel din id-data, ġewwa Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Evelyn Micallef biża' li ser tintuża vjolenza kontriha, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu kienet ser tikkaġunalha biza'.

Rat il-gurisprudenza kemm lokali u kemm barranija rigward ir-reduzzjoni tal-piena meta l-akkuzat jirregistra ammissjoni bikrija fil-proceduri u b'hekk jigi evitat hafna xoghol inutli u spejjez ghall-amministrazzjoni tal-Gustizzja (Vide "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.).

Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fil-kaz "Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mario Camilleri " [ 07/5/2002 ], ammissjoni bikrija mhux dejjem necessarjament u bħala dritt jintitola lill-hati ghal tnaqqis fil-piena .

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proceduri kienu deskritti mill-Qorti tal -Appell Kriminali fis-sentenza preliminari taghha fil -kawża: "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.) :-

*"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never*

*been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

Ghaldaqstant,

Din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 41(1)(a), 202(h)(i)(iv)(v), 211(1)(2), 214, 215, 217, 222(1)(a), 251A(1)(a)(b)(2)(4)B(1)(2)(3), 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 6, 51(7), 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 2(vii) tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika, 227(c) u 228(2) tal-Kapitolu 481 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill- hati Kevin Micallef ghall-piena ta' priġunerija effettiva ghal

perjodu ta' sitt (6) snin u multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbghin ċenteżmu (€116.47). Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' seba' telef, mija u hamsa u hamsin Ewro (€7155.00), rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-ligi.

| | |
|---|---|
| Antonio Mizzi | Brian Avellino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |